# Il-Milied: Festa tad-dawl

**"O Xemx tielgħa, dija tad-dawl ta' dejjem u xemx tal-ġustizzja ejja u dawwal lil dawk li jinsabu fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt!" Dawn il-kelmiet huma meħudin minn waħda mill-antifoni msejħin "kbar" ta' żmien il-Miled. Din hija għanja qadima ħafna, iżda daqshekk ieħor hija sabiħa u teoloġikament profonda. Għanja li tiġbor fiha verità l-aktar profonda; dik tad-DAWL. Dan id-dawl ta' dejjem huwa l-Emanweli, iben Marija.**

Minn
Dun Lawrenz Sciberras

## ID-DAWL FL-ORJENT

**L-Orjent huwa l-pajjiż tad-dawl. Ta' kull fil-għodu mattbexbix, fl-Art Imqaddsa, wieħed jixtieq lill-ieħor "is-sliem u d-dawl". Għalhekk għat-tislima "il-jum it-tajjeb", l-ieħor iwieġeb "il-jum tad-dawl". Hekk għadhom isellmu lil xulxin il-Lhud u l-Għarab. Mela hekk ukoll sellem Ġesù.**

Id-dawl għal dawn il-popli huwa xi ħaġa indispensabbli. F'Ġerusalemm ix-xemx titla' kmieni ħafna fil-għodu. Malli x-xemx taqbeż il-muntanji tal-Moab, allura diġà jkun il-jum. Tant huwa mument ta' ferħ tlugħ ix-xemx li l-Lhud tal-qedem kienu jwaqqfu l-bini kollu tagħhom iħares lejn l-Orjent, ħalli l-ewwel raġġi tax-xemx jagħtu għal fuqu. Hekk, per eżempju, kemm il-faċċata tat-tempju kif ukoll il-Bieb is-Sabiħ, it-tnejn kienu jħarsu lejn l-Orjent.

## ID-DAWL FIT-TESTMENT IL-QADIM

Fl-ewwel ktieb ta' l-Iskrittura, l-ewwel ħaġa li ħalaq Alla kien proprju *d-DAWL. "Ha jkun id-dawl, U d-dawl sar"*. U għaliex dan? Għaliex fejn hemm id-dawl hemm l-ordni, il-paċi, l-armonija. Għall-kuntrarju, fejn ma hemmx dawl, hemmhekk hemm id-dlam, il-kaos, it-taħwid, l-inkwiet.

*Alla huwa dawl;* dawl li deher fil-wirjiet tiegħu lill-patrijarki u lill-profeti tal-qedem meta beda jsawwar l-istorja tas-salvazzjoni tagħna l-bnedmin. Alla huwa dawl; dawl li deher fl-għotja tiegħu solenni meta tana l-Liġi fuq l-għolja tas-Sinaj u newwilha lil Mose'. "Musbieħ għal riġlejja l-kelma tiegħek, u dawl fil-mogħdija tiegħi" (Sl. 119: 105).

Fost l-oġġetti l-aktar għeżież li għandhom il-Lhud, insibu l-kandelabru *b'seba' msiebaħ*. Kien Alla nnifsu li âmar lil Mose' biex jagħmel din l-għamla ta' gandlier. "Int tagħmel ukoll mnara tad-deheb fin, tagħmilha tad-deheb battut, is-sieq u l-bastun tagħha, bil-ġewż u ż-żibeġ u ż-żahar, ikunu biċċa waħda magħha. Joħorġu sitt friegħi mill-ġnub tagħha, tliet friegħi minn naħa u tliet friegħi min-naħa l-oħra... Agħmel seba' msiebaħ għaliha u qegħidhom fuqha biex jixegħlu madwarha" (Es. 25: 31-39).

## IL-KANDELABRU

Minn dan għalhekk wieħed faċilment jikkonkludi għaliex il-Lhud taw dik l-importanza kollha lil dan il-kandelabru. Allura kemm il-kandelabru kif ukoll id-dawl li jipproduċi jfakkarhom *f'Alla bħala DAWL.* Dan kollu jkompli jiġi spjegat għaliex Alla stess ried li l-kandelabru jitqiegħed fit-tempju qrib it-Thora. Mela d-dawl tal-kandelabru huwa simbolu ċar tal-preżenza ta' Alla fuq l-art.

Alessandru Adler, meta jiddeskrivi l-kandelabru b'seba' friegħi, igħid: is-seba' msiebaħ tal-kandelabru huma simbolu tal-ħolqien ta' l-univers f'sebat ijiem. *Id-dawl* tan-nofs jippreżenta *jum is-Sibt*. In-numru sebgħa għandu importanza partikolari fl-Iskrittura u dan għaliex ifisser il-perfezzjoni.

Hekk, per eżempju, *sebgħa huma l-frottijiet* li għad tagħti l-art tal-Kagħnan. "Art tal-qamħ, tax-xgħir, tad-dwieli, tat-tin, tar-rummien, art taż-żebbuġ, tal-għasel" (Dt. 8:8). *Seba' darbiet* inħasel Naaman l-imġiddem fl-ilma tal-Ġordan (2 Slat. 5:10). *Seba' darbiet* nefaħ il-profeta Eliżew f'wiċċ l-iben mejjet tas-Sunamija (2 Slat. 4:35). *Seba'* huma l-għajnejn ta' Alla li jgħassu d-dinja (Zak. 4:10). Fil-waqt li fl-Apokalissi S. Ġwann ra l-Ħaruf maqtul li kellu *sebat iqrun*, simbolu tas-seba' spirti ta' Alla li jibgħat fid-dinja (Apok. 5:6). Mela fil-mentalità Lhudija *d-dawl u Alla* ma jistgħux jiġu mifrudin minn xulxin.

## IL-PROFETI U D-DAWL

Imnebbħin kif kienu mill-Ispirtu s-Santu, il-profeti ħabbru l-*miġja tal-Messija fost dawl kbir.* Anzi xi wħud minnhom lill-Messija tawh isem ta' *"Xemx"*, jew ta' *"Orjent"*, żewġ kelmiet li minnhom infushom ifissru dawl. "Għalikom li tibżgħu minn ismi titla' x-*Xemx tal-Ġustizzja* bir-raġġi tagħha li jagħtu s-saħħa" (Mal. 3:20a). Ma' dawn iż-żewġ profeti hemm ukoll il-prinċep tagħhom Isaija li, fil-ktieb tiegħu fuq l-Emanweli, ħabbar: "Il-poplu li kien miexi fid-dlam ra dawl kbir". U aktar 'il quddiem ikompli: *"Il-ġnus għad jimxu fid-dawl tiegħek,* u s-slaten fid-dija ta' sebħek" (Is. 60:3). U "Jien nagħmel minnek *dawl għall-ġnus* biex is-salvazzjoni tiegħi sa truf l-art tinfirex" (Is. 49: 6).

Tasal il-milja taż-żminijiet u jitwieled Ġesù, f'post li ma kien ta' ħadd u fl-istess ħin kien ta' kulħadd. L-ewwel sinjal għar-rgħajja li twieled il-Messija kien *id-dawl li idda madwarhom* (Lq. 2:9). Anki l-Maġi ndunaw li twieled Dak li kienu jistennew il-Lhud proprju mid-dawl: *"Għax rajna l-kewkba* tielgħa u ġejna na-

*(Ikompli fil-paġna 19)*

# IL-MILIED: FESTA TAD-DAWL

(Jaqbad minn paġna 2)

durawH" (Mt. 2:2).

San Ġwann l-evanġelista, fil-prologu tiegħu meta jitkellem mill-Verb — liema Verb kien ma' Alla u kien Alla — jiddeskrivi lil dan il-Verb bħala *d-DAWL*: "Id-dawl jiddi fid-dlam, imma d-dlam ma għelbux". Hawnhekk wieħed ma għandux bżonn ta' ħafna tifsir, għaliex l-evanġelista qiegħed jitkellem dwar id-dawl tal-grazzja li ġab Ġesù tarbija.

## AWTODEFINIZZJONI

Ġesù fil-ħajja pubblika tiegħu kemm-il darba ta definizzjoni tiegħu nnifsu. Hekk, per eżempju, Ġesù qal li huwa "t-triq", "ir-ragħaj", eċċ. Iżda Ġesù ma naqasx li jgħid li huwa wkoll *ID-DAWL*. Għal darda, tnejn, tlieta Ġesù b'insistenza liema bħalha jistqarr pubblikament li huwa d-dawl tad-dinja. "Mill-ġdid Ġesù qabad ikellimhom u jgħidilhom: *Jiena d-dawl tad-dinja.* Min jiġi warajja ma jimxix fid-dlam iżda jkollu d-dawl tal-ħajja'" (Ġw. 8:12).

"Sakemm għadni fid-dinja *jiena hu d-dawl tad-dinja*" (Ġw. 9:5). "*Jiena huwa d-dawl li ġejt fid-dinja* biex kull min jemmen fija ma jibqax fid-dlam" (Ġw. 12: 46). U sabiex ikompli jagħmilha ċara li kien qiegħed jitkellem mid-dawl fir-ruħ tal-bniedem, liema dawl jeħtieġ li wieħed jemmen fih, Ġesù kompla: "*Sakemm għandkom id-dawl, emmnu fid-dawl* biex tkunu wlied id-dawl" (Ġw. 12:36).

Dan il-ħsieb tad-dawl ikompli jiġi mfisser tajjeb ħafna mill-Appostlu S. Pawl meta jikteb: "Intom ilkoll ulied id-dawl u wlied il-jum" (1 Tess. 5:5). San Pawl jasal għal din il-konklużjoni sabiex juri l-profitt spiritwali li ġab Ġesù meta twieled tarbija. Mela, mingħajr ma jwarrab id-dawl fil-jiem tal-Milied, insrani ma għandux jieqaf fuq id-dawl naturali, li wara ftit ħin jintefa, imma jaħseb fid-dawl tar-ruħ, fil-grazzja.

## BŻONN TAD-DAWL

A. Tistagħġeb: bil-għerf li rnexxilu jakkwista, il-bniedem għamel passi ta' ġgant 'il quddiem fix-xjenzi u t-teknoloġija. Madankollu l-bniedem huwa maħkum u mgeżwer fi dlam sfiq. *Dlam huma d-dwejjaq* tagħna li ħafna drabi jkunu ġejjin mill-ħażen ta' madwarna, mill-frustrazzjonijiet fil-ħajja.

B. *Dlam hija l-mibegħda.* L-Appostlu ta' l-imħabba huwa ċar ħafna f'din il-ħaġa: "*Min jobgħod lil ħuh, jinsab fid-dlam* jimxi fid-dlam u *ma jafx fejn hu sejjer*, għax id-dlam għamielu għajnejh" (1 Ġw. 2:11). L-ewwel fratriċidju li ssemmi l-Iskrittura sar għaliex ġie m q a n q a l mill-mibegħda. Għalhekk Kajjin qatel lil ħuh Abel. Kemm dmija fl-art ta' nies innoċenti! Kemm vjolenza li jkexkxu, kemm żerriegħa ta' ġlied, kollox imqanqal u msejjes fuq il-mibegħda!

Ċ. *Dlam huma dnubietna.* Tant inġustizzji ċari fid-dinja, tant dnubiet ta' suppervja, taż-żina, tas-serq. U l-bniedem jaf li qed jagħmel ħsara anki lis-soċjetà bi ħtijietu, madankollu xorta waħda jibqa' jidneb, jibqa' jgħix fid-dlam. "Għax kull min jagħmel il-ħażin jobgħod id-dawl, u ma jersaqx lejn id-dawl, biex egħmilu ma jinkixifx" (Ġw. 3: 20).

## DAWL IL-MILIED

Quddiem dan l-istat ta' ħajja li hija tant imċajpra, il-bniedem bilfors jeħtieġ id-dawl, dak id-dawl li jiġi biss mingħand Ġesù tarbija. Għandna bżonn ta' "dinja ġdida", jikteb il-Papa preżenti fl-enċiklika "Il-Feddej tal-Bniedem", dinja li bilfors teħtieġ mill-ġdid *id-dawl tal-Milied,* id-dawl li darba dawwal il-Għar ta' Betlem.

F'dan il-Milied ejjew ma niqfux biss fuq dak li huwa estern — dawl, tiżjin, parties, ħwejjeġ sbieħ — iżda nagħmlu l-pass l-ieħor: indawlu r-ruħ tagħna bid-dawl li huwa Kristu. Fi Kristu tarbija dehret it-tjieba ta' Alla lejn il-bnedmin, is-sema qorob lejn l-art, biex il-bniedem ma jarahiex bi kbira u joqrob lejn Ġesù, id-dawl tad-dinja.

**Imiss issa lil kull bniedem biex jagħmel il-pass u jersaq bis-serjetà lejn Ġesù, id-dawl li jdawwal tassew.**